FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR DR. KEVIN MOMPALAO

Avviz Numru 9/2016

Delta Container Services Ltd.

Vs.

A.F. Ellis Ltd.

Illum 15 ta' April 2016

It-Tribunal:-

Ra' l-Avviz li permezz tieghu l-kumpanija attrici tablet hlas minn ghand il-kumpanija konvenuta fis-somma ta elf, tlett mija u tnejn u ghoxrin Ewro u dsatax-il centezmu (€ 1322.19) dovuti ghal servizzi ta' garr ta' merkanzija bil-bahar. Bl-imghaxijeit u bl-ispejjes kollha kif imsemmija fl-avviz.

Ra' n-nota ta' ammissjoni tal-kumpanija konvenuta.

Ra' d-dokument li permezz tieghu jidher illi sar il-hlas tas-sorte fil-mori ta' din il-kawza.

Ra' l-atti kollha.

Ikkonsidra.

Illi gialadarba l-kumpanija konvenuta ammettiet il-mertu kif ukoll provdiet prova illi dan thallas fil-mori ma hemm xejn aktar x'jinghad dwaru.

Illi fic-cirkostanzi tenut kont li dan huwa debitu bejn zewgt kumpaniji kummercjali u ghalhekk japplikaw ir-regoli tal-kummerc huwa bla dubbju dovut l-imghax mid-data tas-servizz sad-data tal-hlas.

In vista ta' l-ammissjoni huma dovuti wkoll l-ispejjes.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jastjeni minn li jiehu konjizzjoni tal-mertu tat-talba stante illi dan jinsab saldat. Jikkundanna lil kumpanija konvenuta thallas lil dik attrici l-imghaxijiet mid-data tas-servizz sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjes kollha tal-kawza ikunu a kariku tal-kumpanija konvenuta.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

Deputat Registratur